MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1474/1996/1

**Paul Zammit**
**Vs**
**Chairman Awtorita' ta' L-Ippjanar u b' nota tal-25 ta' Ottubru 1996, il-PL.Joseph Catania assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Planning Authority, u b' digiret tas-27 ta' Marzu 2001 gie kjamat fil-kawza Roger Mangion**

**Il-Qorti,**
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond numru 14 bl-isem "The Avenue" gewwa Gort street, Paceville;

Premess illi l-istess hanut jinsab mikri a favur ta' Joseph Mangion;

Illi fl-istess hanut gew esekwiti diversi xogholijiet ta natura strutturali minnghajr il-permess relattiv u mehtieg tal-Awtorita konvenuta;

Illi rrizulta lill-istess Awtorita konvenuta li x-xogholijiet ilmentati mill-attur fil-fatt saru minnghajr il-permessi mehtiega kif allegati mill-istess attur;

Illi nonostante li l-Awtorita konvenuta ghal diversi drabi giet interpellata inkluz bi protest gudizzjarju sabiex tiehu dawk il-passi kollha li taghtiha l-ligi sabiex jitnehha dak kollu li gie esekwit minnghajr il-permessi mehtiega, hija baqghet inadempjenti sal-gurnata tallum u dana ghalkemm l-istess Awtorita konvenuta espremiet ruhha f'dan is-sens b'kontro-protest ipprezentat minnha;

Tghid ghalhekk l-istess Awtorita Konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li saru xogholijiet strutturali li fil-hanut minnghajr il-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar liema xogholijiet kien jehtigielhom tali permess;

2. Tiddikjara li l-istess Awtorita konvenuta naqqset li tiehu dik l-azzjoni esekuttiva spettanti lilha skond il-ligi rigward l-istess xogholijiet illegali abbusivi u dana nonostante li kienet saret talba bil-miktub f'dan is-sens mill-attur;

3. Tordna lill-Awtorita konvenuta tiehu dawk il-passi kollha esekuttivi spettanti lilha skond il-ligi biex titnehha kull struttura illegali fl-istess hanut de quo u dana fi zmien qasir u perentorju li tigi hekk fissata minn din i-istess Qorti.

Bl-ispejjes kontra l-Awtorita konvenuta li r-rapprezentant taghha qed tigi ngunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta li biha eccepiet:

Illi fl-ewwel lok l-istess attur irid jipprova li hu proprjetarju tal-fond imsemmi stante li Roger Mangion ottjena

permess mill-Awtorita' fuq applikazzjoni fejn iddikjara li hu l-uniku sid tal-fond in kwistjoni;

Illi l-istess attur irid ukoll jispjega u jispecifika ghal liema xogholijiet qed jilmenta stante li prezentement hemm avviz ta' twettieq fuq il-proprjeta' in kwistjoni li tikkonsisti biss fi ftuh ta' access minn fuq il-bankina ghall-kamra fil-basement, li ghaliha l-istess Awtorita' kienet espremiet ruhha u nformat lill-attur li kienet sejra tghaddi eventwlment ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess avviz;

Illi din tinsab fuq il-lista tad-"direct actions" u ghaldaqstant din il-kawza saret inutilment;

Illi x-xogholijiet li illum mhux koperti b'permess huma fuq proprjeta' tal-Gvern u fl-istess permess numru 3367/96 hemm kundizzjoni li "Land Department permission for works under pavement is to be sought by applicant". Kien biss fl-ahhar ta' Lulju, 1996 (wara li nfethet il-kawza) li l-Gvern oggezzjona ghax-xogholijiet in kwistjoni u ghaldaqstant l-istess citazzjoni saret imtempestivament.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti, fis-27 ta' Marzu 2001, gie kjamat in kawza Roger Mangion;
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici hekk kif diretti fil-konfront ta' l-esponenti fl-Att ta' Citazzjoni fl-ismijiet premessi ghandhom jigu michuda stante li l-istess esponenti ma ghandhu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u quindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;
Illi fic-citazzjoni l-attur ppremetta li huwa proprjetarju tal-fond hanut numru 14 bl-isem "The Avenue" Gort Street

Paceville, li kien gie mikri minnu lil Joseph Mangion, u li f' dan l-istess fond saru "diversi xogholijiet ta' natura strutturali minghajr il-permess relattiv u mehtieg tal-Awtorita' konvenuta". Huwa qed jilmenta li, ghalkemm dan il-fatt ingieb ghak-konjizzjoni tal-konvenuta b' diversi nterpellazzjonijiet inkluz protest gudizzjarju da parti tal-attur, dina naqset milli "tiehu dawk il-passi kollha li taghtiha l-ligi sabiex jitnehha dak kollu li gie esegwit minghajr il-permessi mehtiega".

Ghalhekk talab minn din il-Qorti: [a] dikjarazzjoni li x-xogholijiet strutturali fil-hanut de quo saru minghajr il-permessi mehtiega tal-Awtorita' konvenuta; [b] dikjarazzjoni li l-istess konvenuta naqset li tieghu azzjoni esekuttiva spettanti lilha skond il-ligi rigward dawn ix-xogholijiet; [c] ordni lill-konvenuta sabiex tiehu l-misuri kollha skond il-ligi biex titnehha kull struttura illegali fl-istess hanut.

Illi ghalhekk mill-premess johrog manifest li, nonostante l-kjamata in kawza ta' Roger Mangion, l-azzjoni odjerna hija diretta lejn l-Awtorita' konvenuta u hija bazati fuq l-ghemil amministrattiv passiv tal-istess Awtorita' fil-konfront tal-ilmenti tal-attur, fil-kuntest tal-fatti kif minnu esposti.

Ghalhekk indubbjament din l-azzjoni in kwantu diretta lejn l-Awtorita' konvenuta, hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 469A tal-Kap.12 li jikkontempla u jirregola azzjonijiet diretti lejn stharrig ta' ghemil gudizzjarju amministrattiv ta' awtoritajiet pubblici, inkluzi "kull korp maghqud kostitwit permezz tal-ligi" L-istess Artikolu jinkludi fid-defenizzjoni ta' ghemil amministrattiv "ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jisir minn awtorita' pubblika" Fil-kaz in ezami l-ghemil amminstrattiv li minnu qed jilmenta l-attur huwa in-nuqqas jew rifjut da parti tal-Awtorita' konvenuta li tiehu l-azzjoni esekuttiva spettanti lilha skond il-ligi biex jitnehha "kull struttura illegali fil-hanut" de quo minghajr il-permess ta' l-Awtorita'.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi l-attur bhala proprjetarju tal-fond de

quo, kif jirrizulta mill-kuntratt datat 16 ta' Gunju 1982 in atti Nutar Dottor George Bonello Dupuis[1] kien kera l-fond lil certu Joseph Mangion li minn naha tieghu ceda id-dritt tal-inkwilinat lil The Avenue Co.Ltd. rapprezentata minn huh il-kjamat fil-kawza Roger Mangion.

Illi fit-3 ta' Gunju 1994 l-imsemmi Roger Mangion ghamel applikazzjoni lill-Awtorita' Tal-Ippjanar sabiex jaghmel xogholijiet ta' thaffir ta' basement fil-hanut. Fl-istess applikazzjoni Roger Mangion indika lilu nnifsu bhala sid tal-hanut.[2]

Fit-30 ta' Jannar 1995 l-Awtorita' konvenuta riceviet ittra minghajr data mibghuta mill-attur fejn dan ilmenta li l-istess konvenuta ma kienitx hadet passi fuq r-rapport maghmul minnu permezz ta' ittra datata 17 ta' Mejju 1994 fis-sens li Roger Mangion kien indika lilu nnifsu bhala uniku sid u li x-xoghol li kien qed jaghmel ma kienx kopert bil-permess.[3]

Fuq rapport intern datat 8 ta' Marzu 1995 maghmul minn Joseph Felice, ufficjal mal-Awtorita' konvenuta, saret spezzjoni fuq il-post fl-20 ta' Marzu 1995 mill-building inspector Jonathan Orlando li minn naha tieghu, wara li kkonstata li fil-bankina vicin il-hanut de quo kien qed isir xoghol minghajr il-permess tal-Awtorita, fetah file fis-7 ta' April 1995 u rakkomanda l-hrug ta' Avviz [Enforcement Notice] fit-termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Att 1/1992[4]. Di fatti fis-17 ta' April 1995 l-Awtorita' konvenuta hareg l-Avviz numru 350/95 li permezz tieghu l-kjamat fil-kawza gie ordnat sabiex jieqaf immedjatament mix-xogholijiet u jregga lura kull haga li kien ghamel minghajr permess. Fl-istess Avviz gie specifikat li l-vjolazzjoni da parti tal-kjamat fil-kawza kienet tikkonsisti fil-ftuh ta' access minn fuq il-bankina [proprjeta' tal-Gvern] ghall-kamra fil-basement that il-livell tat-triq.[5]

---

[1] Fol.40

[2] Dep. Joseph Farrugia – Fol.104 *et seq.*

[3] jigi rilevat li x-xhieda tal-Awtorita' sostnew li din l-ittra ma kienitx tinsab fil-file relattiv, u li ghalhekk il-konvenuta bdiet tiehu l-passi wara li rceviet it-tieni ittra datata 30 Jannar 1995.

[4] L-Att Dwar l-Ippjanar ta' L-Izvilupp

[5] Fol.69

Jirrzulta pero’ li sussegwentement l-imsemmi Roger Mangion kien ghamel applikazzjoni ulterjuri sabiex jigu sanati bil-hrug tal-permess relattiv ix-xoghol fuq indikat. Ghalhekk, in vista ta’ dak kontemplat fl-Artikolu 52 tal-imsemmi Att l-effetti tal- Avviz gew sospizi sakemm tigi tinghata decizjoni finali.

Illi sussegwentement fit-2 ta’ Mejju 1995 hareg permess fuq l-imsemmi Roger Mangion fuq ix-xoghol li kien sar that il-livell tal-bankina, bil-kundizzjoni li l-applikant jottjeni peress mid-Dipartiment tal-Artijiet, stante li dan kien fil-bankina li hi proprjeta’ tal-Gvern. Joseph Farrugia, ir-rapprezentant tal-Awtorita’ konvenuta, spjega li din il-kundizzjoni kienet timponi l-obbligu fuq il-kjamat fil-kawza li jottjeni wkoll il-permess tad-Dipartiment tal-Artijiet, u ma kienitx torbot lill-Awtorita’ li tkompli tissorvelja. Minn naha taghha l-kaz kien maghluq.[6]

Illi fit-8 ta’ Mejju 1996 l-attur prezenta c-citazzjoni odjerna, bazata fuq il-kawzali li l-Awtorita’ kienet naqset li tieghu l-misuri esekuttivi sabiex tnehhi l-bini illegali maghmul fil-hanut tieghu. Sussegwentement fid-29 ta’ Lulju 1996 id-Dipartiment tal-Artijiet baghat ittra lill-Awtorita’ konvenuta, fis-sens li l-Kummissarju tal-Artijiet kien oggezzjona ghax-xogholijiet li saru fil u that il-bankina.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-ewwel talba attrici taqra hekk: “Tiddikjara li saru xogholijiet strutturali <u>fil-hanut</u> minghar il-permess tal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar liema xogholijiet kien jehtigilhom tali permess”[7]. Din it-talba hija konnessa mal-premessi kontenuta fl-istess att tac-citazzjoni: li fil-hanut proprjeta’ tal-attur kienu saru xogholijiet, li ghal dawn ix-xogholijiet kien jehtieg il-permess tal-Awtorita’ tal-Ippjanar, u li fil-fatt saru minghajr tali permess. L-attur qed jilmenta li, ghalkemm l-Awtorita’ kienet taf b’ dan il-fatt hija naqaset li tiehu l-passi skond il-ligi. Minn dan jirrizulta manifest li l-<u>kawzali</u> tat-talbiet attrici jikkonsistu fil-fatt li sar xoghol fil-

[6] Fol.110
[7] Sottolinear ta’ din il-Qorti

hanut bla permess tal-konvenuta u li dina, nonostante li kienet a konoxxenza ta' dan il-fatt, naqset li tiehu azzjoni.

Il-Qorti tosserva li minn imkien fl-atti skritti, la fl-att tac-citazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni, li ghanhda funzjoni spjegattiva tal-pretensjoni attrici, ma gie indikat li fil-fatt ix-xogholijiet li kienu saru fil-hanut kienu koperti bil-permess mehtieg, u li l-ilment principali tieghu f' dan ir-rigward kien li l-permess hareg rizultat ta' "dikjarazzjoni falza" maghmula minn Roger Mangion fl-applikazzjonijiet tieghi – kemm ghal dak li jirrigwarda x-xogholijiet fil-hanut kif ukoll dawk li saru that il-bankina. Dan jispjega ghaliex fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta ma hemm ebda referenza ghal dawn il-fatti.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-attur isostni li l-fatt li Roger Mangion ghamel dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni tieghu meta indika lilu nnifsu bhala sid tal-hanut "wahedha biss twassal biex tannulla u ggib fix-xejn u bla effett l-applikazzjoni tieghu bil-konsegwenza li l-applikant ikollu jissottometti applikazzjoni gdida – liema cirkostanza fil-kaz odjern baqghet qatt ma saret da parti tal-kjamat fil-kawza u wisq anqas naqset li tieghu konjizzjoni taghha l-awtorita' konvenuta.."[8] Jidher li fuq din il-bazi l-attur qed jikkontendi li l-applikazzjoni hija nulla u ghalhekk il-procedura kollha hija vizzjata minn nullita' u ghalhekk ix-xoghol mhux kopert bil-permess.

Din il-Qorti tifhem li tali kontestazzjoni ghandha tigi promossa u deciza f' gudizzju ad hoc derivanti minn talba specifika f' dan is-sens bazata fuq il-kawzali fuq indikata u mfassla b' mod li twassal "tifsira cara u sewwa ta' l-oggett raguni tat-talba"; izda mhux, bhal fil-kaz odjern, fuq il-kawzali generali li x-xoghol sar bla permess, meta fil-fatt irrizulta b' mod lampanti li x-xoghol kien sar bil-permess tal-Awtorita' konvenuta. Bil-ligi il-konvenuta, mill-atti skritti tal-kawza, ghandha jkollha tifsira cara u sewwa tal-bazi tal-pretensjoni attrici, u b' hekk tkun fil-posizzjoni li tiddefendi ruhha.

[8] Fol.96

In tema legali jigi osservat li kif jesigi l-Artikolou 156 tal-Kap.12 ic-citazzjoni ghandu jkun fiha "[a] tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba". Gie osservat in materja fil-kawza: L-Avukat Dr.Stefan Frendo v Philip Attard noe.[Q.K][1989] [Vol.LXXIII.IV.972 "Huwa veru li kif gie ritenut mill-Qrati taghna, ic-citazzjoni m' ghandhiex tigi mwaqqa' hlief ghal ragunijiet gravi u, fost kollox, wiehed ghandu jara jekk minn xi nuqqas jew xi zbalji li jkun fiha jigix ippregudikat il-konvenut biex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu (Vol.XXXIX.I.106 Merola v Caruso 1953). Pero' daqstant iehor intqal li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissrin car u sewwa fic-citazzjoni; u quddiem dawn il-Qrati m' huwiex lecitu li l-kawzali tigi mibdula jew li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Vol.XXXV.I.5 Vassallo v Mizzi 1951). Huwa veru wkoll li l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha tigi fformulata c-citazzjoni, imma bizzejjed jinftiehem x' ikun qed jitlob l-attur, b' mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament u tista' tkun sahansitra indotta mid-domanda, u, jekk ma tkun cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva (Vol.XLIII.II.748). Intant id-dikjarazzjoni ghandha tigi kkunsidrata haga wahda mac-citazzjoni, konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali (Vol.XXX.I.228)." [Vol.LXXIV.II.406 App.Kum.1990 (Ibid)

L-artikolu 156 ghalhekk jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghaliex kien qed jitlob dak l-oggett, u illi kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni tkun imfissra car u sewwa [App.Galea vs Galea 30.03.1998 u PA.Camilleri vs Galea 06.06.1991] u dan iservi biex "il citato deve conosere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti che vanno uniti alla citazione e da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predatti e non a lui notifikati [PA.Zammit vs Cassar 6.II.1930; Mizzi vs Chapman Vol.XXX.II.399].

Il-premess ghandu relevanza ghall-kaz in ezami ghaliex bil-ligi l-Qorti hija marbuta li tikkonsidera t-talbiet attrici fil-kuntest tal-premessi kontenut fl-att tac-citazzjoni u tal-

kawzali hemm indikata. Il-Qorti tirrileva li mill-mod kif inhi redatta c-citazzjoni u d-dikjarazzjoni jirrizulta li pretensjoni attrici hi unikament bazata fuq il-premessa li x-xoghol, fil-hanut ut sic sar minghajr permess. Ma saret ebda referenza ghall-permess mahurg mill-konvenuta fuq ix-xoghol in disamina, jew talba diretta ghal dikjarazzjoni li dan il-permess mhux validu; u dana nostante li mill-provi jirrizulta car li din kienet il-vera kontestazzjoni tal-attur: li jattakka l-validita' tal-permess mahrug.

B' applikazzjoni tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li, fit-termini u fil-parametri tal-kawzali kontenuta fic-citazzjoni u tal-ewwel talba attrici, mill-provi rrizulta amjament li x-xoghol li sar mill-kjamata in kawza "fil-hanut" de quo kien u ghadu sad-data ta' dan il-gudizzju kopert bil-permess tal-Awtorita' konvenuta. Ix-xoghol li sar fil u that il-bankina proprjeta' tal-Gvern jezorbita minn din it-talba attrici

Illi t-tieni u t-tliet talbiet attrici huma diretti lejn l-ghemil amministrattiv tal-Awtorita' konvenuta. Fl-ewwel lok jigi rilevat li gjaldarba l-ewwel talba rrizultat mhux sostnuta mill-provi, allura mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tinoltra ruhha fuq dawn iz-zewg talbiet. Madankollu, in vista tan-natura tal-kaz thoss opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi permezz ta' l-Att Dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp [Kap.356] il-ligi riedet li l-izvilupp ta' l-ippjanar f' Malta u Ghawdex jigi regolat b' ligi specjali u li l-Awtorita' tal-Ippjanar ghandha l-funzjoni li "tghasses fuq kull operazzjoni ta' zvilupp biex isir biss skond il-htigijet ta' dan l-Att u b' osservanza tad-decizzjonijiet mehuda legalment that dan l-att" [Art.51[1]. Huwa ghalhekk il-kompitu ta' din l-awtorita' li tidditermina jekk zvilupp huwiex kopert bil-permessi mehtiega skond il-ligi, jew le; kif ukoll li, wara evaluazzjoni tal-kaz partikolari, tiddeciedi jekk ghandhiex tohrog permess ghax-xogholijiet mitluba u that liema kondizzjonijiet. Din id-diskrezzjoni ta' dan il-korp pubbliku hija sindikabbli, mill-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar mwaqqaf appozitament mill-istess Att; kif ukoll mill-gurisdizzjoni limitata tal-qrati civili li unikament fil-parametri ta' dak li hemm kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap.12 ghandhom il-poter-dover li jistharrgu

gudizzjarjament l-ghemil amministrattiv tal-Awtorita’, liema gurisdizzjoni hija cirkoskritta ghac-cirkostanzi indikati f’ dan l-artikolu. B’ mod li jekk ma jikkonfigurax dak indikat fl-istess artikolu, id-decizjoniijiet amministrattiv ta’ din l-Awtorita’ ma jistghux jigu censurati.

Illi fil-kaz in disamina jirrizulta li kienet saret l-applikazzjoni mill-kjamat in kawza Joseph Mangion ghax-xogholijiet in disamina fit-3 ta’ Gunju 1994, fejn l-istess Mangion iddikjara li huwa s-sid. In propositu l-Qorti tirrileva li l-attur ma rnexxielux igib provi sodisfacenti li, qabel id-decizjoni finali fuq l-applikazzjoni, l-Awtorita’ kienet a konoxxenza tal-falsita’ ta’ din id-dikjarazzjoni skorretta. Mill-provi jirrizulta li dan il-fatt jinsab indikat mill-attur biss fl-ittra tieghu tas-17 ta’ Mejju 94[9] u f’ dik tal-10 ta’ Mejju 1995[10] mibghuta lill-Awtorita’; izda mill-provi ma rrizultatx li l-ewwel ittra wasslet ghand l-awtorita’ kompetenti, filwaqt li t-tieni ittra ggib data sussegwenti ghal data tal-permess mahrug, inkluz dak tat-2 ta’ Mejju 1995 relattivament ghax-xoghol fil-bankina. Huwa opportun li jigi ribadit li huwa l-attur li jrid jgib il-prova sodisfacenti ta’ dak li qed jallega: onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li ma ngabet ebda prova li turi li fl-ezercizju ta’ din id-diskrezzjoni taghha, l-Awtorita’ konvenuta agixxiet kontra l-Kostituzzjoni jew ultra vires fit-termini tas-sub inciz [1] tal-Kap.469A, u ghalhekk fit-termini ta’ dan l-Artikolu ma tara xejn censurabbli fl-ghemil taghha.

Gie osservat fil-kawza PA[GV] Dr.Philip Galea et vs Tiogne Development Co.Ltd. u l-Awt.Ippjanar – 29.03.2004 li “Il-ligi ordinarja tipprovdi kif setghu jigu verifkati l-korrettezza u r-regolarita’ tal-operat ta’ awtoritajiet bhal ma hi l-Awtorita’ tal-Ippjanar, billi tipprovdi ghall-istharrig gudizzjarju ta’ azzjonijiet amministrattivi [469A]. Tipprovdi wkoll f’ certi kazijiet ghar-rimedju kostituzzjonali u fuq kollox il-ligi stess li waqqfet l-Awtorita’

[9] Fol.6
[10] Fol.8

ta'l-Ippjanr l-Att 1/1992 tipprvodi mekkanizmu b' gurisdizzjoni preciza biex wiehed jirrimedja kontra d-decizzjonijiet tal-istess Awtorita' kemm permezz ta' rikors quddiem Bord tal-Appell tal-Ippjanar f' dak l-att kostitwit kif ukoll certi kazijiet quddiem [l-Qorti tal-Appell]"

Di fatti Art.469A fis-sub inciz [4] jeskludi l-applikazzjoni ta'dan l-Artikolu meta "l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksir ta' rimedju dwar xi att amminsitrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f' xi ligi ohra." [Vide App.Civ.John Cauchi vs Chairman Awt.Ippjanar 5.10.2001; Pietru Pawl Borg vs Awtorita' Ippjanar 8.05.2003]. "L-esekluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija rragjonevolment ma utilizzatx tal-proceduri disponibbli" [App.Civ.Bunker Fuel Oil Company Limited vs Paul Gauci et 6.05.1998]

Fil-kaz in disamina ma rrizultax ghaliex l-attur, bhala terz interessat ma usufurwixxix mid-dirtt ijiet tieghu u mir-rimedju disponibbli ghalih fl-imsemmi Att, bhala persuna li hassitha aggravata mid-decizjoni tal-Awtorita'. Ma ngabet ebda raguni ghal dan in-nuqqas; u ghaldaqstant, in mankanza ta' prova ta' raguni valida ghaliex din il-procedura rimedjali disponibbli ghalih, ma gietx utilizzata minnu, allura b' applikazzjoni tal-imsemmi sub inciz, l-applikazzjoni tal-Artikolu 469A hija eskluza.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-awtorita' konvenuta ma tistax tinzamm b' xi mod responsabbli ghal xi nuqqas mghamul mill-kjamata in kawza fir-rigward tax-xogholijiet maghmula minnu u tal-applikazzjoni prezentati minnu.. Minn naha tal-konvenuta x-xogholijiet li saru fil-hanut huma koperti bil-permess skond il-ligi. Ghalhekk t-talbiet attrici fil-konfront tieghu ma jistghux ireggu.

In fine stante li, mill-atti rrizulta li fl-applikazzjonijiet ghax-xoghol de quo l-kjamat fil-kawza Roger Mangion ghamel dikjarazzjoni skoretta fis-sens li indika lilu nnifsu bhala l-uniku sid mentri mill-kuntratt esebit jirrizulta li l-uniku sid

huwa fil-fatt l-attur, il-Qorti thossha fid-dmir li tirrileva dan il-fatt, sabiex is-socjeta' konvenuta tiehu debita konjizzjoni tieghu u tiehu dawk il-passi opportuni skond il-ligi, tenut kont ta' dak li gie deciz minn dawn il-Qrati fil-kawzi App.Civ.Emanuel Grima vs Il-Kummissjoni ghall-kontroll ta' l-Izvipupp -15 ta' Lulju 2002; Saviour Falzon vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar – 31 ta' Mejju 1996 u Michael Abela vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp – 11 ta' Mejju 1998; kif ukoll tenut kont ta' dak li hemm kontemplat fil-Kodici Kriminali u senjatament l-Artikolu 188 li jikkontempla r-reat ta' dikjarazzjoni falza lill-awtorita' pubblika.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tichad it-talbiet; attrici bl-ispejjez. Jibqa' impregudikai id-dritt ta' azzjoni da parti tal-attur bhala proprjetarju tal-fond, fir-rigward tax-xogholijiet fuq indikati si et quaetanus. Tillibera lill-kjamat fil-kawza Roger Mangion mill-osservanza tal-gudizzju.

In fine, stante li f' dan il-kaz jista' jikkonfigura r-reat kriminali tordna li din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan, wara debita investigazzjoni, jipprocedi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------